MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru. 471/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Stephen Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Mifsud ta' 30 sena iben Carmelo u Mary xebba Debono, mwieled Pieta' nhar it-8 ta' Lulju 1972 u residenti 'St Philip', Triq Mikiel Abela, Qajjenza, B' Bugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 425172(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta’ Gunju 2002 ghall-habta ta’ 03:30hrs fi Triq il-Gistakor, Ghaxaq volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, fuq vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni ABH425 liema hsara tiskorri il-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira ghad-dannu ta’ Stephen Bezzina minn Naxxar bi ksur tal-Artikolu 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) u Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Annabel Caruana f’ periklu car, ikkaguna offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Annabel Caruana liema offiza iggib mankament jew sfregju fil-wicc, kif iccertifika Dr. Fernando Pisani (9721) ta’ S.L.H, bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 218 (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Stephen Bezzina kif iccertifika Dr. Fernando Pisani ta’ S.L.H. bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Gunju 2002 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta’ l-1 ta’ Lulju 2002 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fl-1 ta' Gunju 2002 bejn l-imputat Stephen Mifsud u certu Stephen Bezzina fejn gew kawzati hsarat fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABH 425 propjeta' ta' Stephen Bezzina u fejn gew kagunati griehi lil Stephen Bezzina u lit-tfajla tieghu Annabel Caruana. Il-Pulizija saret taf b'dan il-kaz wara li gie rrapurtat lilha li kienet iddahlet Annabel Caruana l-Isptar San Luqa u li din kienet qed issofri minn griehi ta' natura gravi kagunati minn ragel li ma kienitx taf ismu  u dan waqt argument li nqala' bejnu u bejn l-gharus taghha Stephen Bezzina. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Puzljia rrizulta li r-ragel li allegatament ikkaguna l-griehi lil Caruana kien l-imputat. Meta l-Pulizija kellmet lill-imputat dan irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 13 tal-process) fejn huwa qal li waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu minn Triq il-Belt, Hal-Ghaxaq akkompanjat minn tlieta min-nies ohra, huwa waqaf mal-gemb bil-vettura tieghu sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu ma hajt. L-imputat sostna li waqt li kien qieghed jaghmel dan ghaddew tlieta min-nies u wiehed minnhom habbat mal-vettura tieghu u baqa' sejjer. L-imputat qal li huwa dahal fil-vettura tieghu u saq sabiex imur id-dar u meta wasal fil-pjazza ta' Hal-Ghaxaq kien hemm vann abjad li beda jieqaf quddiemu, huwa beda jdoqq il-horn izda l-vann beda' jsuq bicca u jerga' jieqaf quddiemu. L-imputat jghid li huwa ghalhekk nizel mill-vettura tieghu b'injama f'idejh, resaq lejn il-vettura li bdiet tieqaf quddiemu, prova jiftah il-bieba sabiex ikellem lix-xufier ta' din il-vettura minghajr ma nduna li dan kien l-istess persuna li kien sabbatlu fuq il-vettura tieghu ftit minuti qabel u x-xufier ta' din il-vettura prova jfajjarlu daqqa ta' ponn. L-imputat jghid li huwa ghalhekk beda' jaghti bl-injama fuq il-vettura u waqt li kien qed jaghmel hekk l-gharusa ta' Bezzina li kienet riekba fil-vettura mieghu harbet minn fuq il-post.

Sadanittant Bezzina rega’ hareg idejh mill-vettura tieghu u laqat lit-tfajla tal-imputat li fil-frattemp kienet avvicinat il-vettura ta’ Bezzina u l-imputat jghid li huwa ta’ daqqa bl-injama fuq id Bezzina sabiex dan tal-ahhar ma jkomplix jaghti lit-tfajla tieghu. L-imputat jichad li huwa kien b’xi mod laqat lil Annabel Caruana, u cioe’ lit-tfajla ta’ Stephen Bezzina ghaliex isostni li huwa fl-ebda hin ma kien resaq lejn in-naha tal-passiggier tal-vettura ta’ Bezzina.

Stephen Bezzina li xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tal-15 ta’ Jananr 2003 spjega li huwa kien ghaddej fi triq il-Bebbux Hal-Ghaxaq akkompanjat mit-tfajla tieghu Annabel Caruana u minn Keith Sacco u ra ragel qed jaghmel il-bzonnijiet tieghu mal-hajt u hdejh kien hemm vettura b’xi nies fiha u dawn in-nies qalu xi haga meta huwa ghadda minn hdejhom. Dan ix-xhud ikompli jghid li huwa mar fil-vettura tieghu u saq u malli ghamel hekk il-vettura li kien ra qabel wieqfa mal-hajt giet warajh tinstaq b’certu velocita’ u kwazi dahlet fil-vettura tieghu. Huwa jghid li waqaf sekonda sabiex jara x’inhu jigri u f’daqqa wahda nizel ragel mill-vettura li kienet giet warajh, dan ir-ragel kellu injama f’idejh u beda jaghti daqqiet fuq il-vann ta’ Bezzina. Dan ir-ragel laqtu bl-injama fuq idejh u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 5 rilaxxjat minn Dr. Fernando Pisani. Huwa jispjega li fetah il-bieba sabiex ma jkomplix jaqla’ d-daqqiet u dan ir-ragel mar sabiex jolqtu f’rasu izda laqat lil Annabel Caruana minflok. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien tah id-daqqiet u li kien ikkaguna il-hsara fil-vann tieghu. Huwa jispjega li Annabel Caruana qalghet id-daqqiet waqt li kienet fil-vann u jghid li fl-ebda mument ma ha l-injama f’idejh. Giet esebita stima tal-hsarat kagunati fil-vettura ta’ Stephen Bezzina (inserita a fol. 16 tal-process) liema hsara kienet tammonta ghas-somma ta’ mija u erbghin lira Maltin (Lm140.00).

Annabel Caruana xehdet fl-udjenza tal-1 ta’ Lulju 2002 fejn din qalet li waqt li hi u l-gharus taghha Stephen Bezzina kienu mexjin lejn il-vettura taghhom raw lill-imputat qed jaghmel l-awrina mal-hajt u Bezzina ta daqqa zghira mal-vettura tal-imputat u qallu ‘oj’. Hija tghid li l-imputat u shabu li kienu fil-vettura bdew jigru warajhom

ghall-glied u meta huma dahlu fil-vettura taghhom u kienu telghin it-telgha, l-gharus taghha waqaf sabiex iwahhal l-istereo u dak il-hin l-imputat nizel mill-vettura tieghu b'injama f'idejh u beda jaghti b'din l-injama mal-vann taghhom. Hija tghid li l-gharus taghha fetah il-bieba tan-naha tax-xufier tal-vann tieghu sabiex jiddefendi ruhu u hia ggebdet sabiex terga' taghlaqlu l-bieba ghaliex bdiet tibzgha u f'dak l-istadju l-imputat fajrilha daqqa bl-injama f'wiccha u fethilha mohha u hija nizlet mill-vann u harbet minn fuq il-post. Caruana tispjega li fil-vann maghhom kien hemm ukoll il-kugin taghha Keith Sacco. Hija tispjega inoltre li meta nizlet mill-vann hadd ma resaq lejha u tispjega li lil Stephen Bezzina ma ratu jerfa idejh fuq hadd izda ratu biss jiddefendi lilu nnifsu. Annabel Caruana tghid li kellhom isirulha erba' punti f'mohhha minhabba l-ferita kagunata lilha mill-imputat.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Keith Sacco lli kien passiggier fil-vettura ta' Stephen Bezzina (xhieda relattiva inserita a fol. 36 u 37 tal-atti processwali fejn dan ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtjia minn Anabelle Caruana u Stephen Bezzina izda qal lli ma kienx f''posizzjoni li jaghraf il-persuna li kien ta d-daqqiet lil Annabel Caruana u lil Stephen Bezzina.

F'dawn il-proceduri xehdu wkoll Pauline Pisani u Alan Seisun li t-tnejn kienu passiggiera fil-vettura tal-imputat. Pauline Pisani li hija s-siehba tal-imputat xehdet fl-udjenza tal-11 ta' Settembru 2003 fejn qalet li waqt li l-imputat waqaf bil-vettura sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu ma' hajt ghaddew zewg guvintur u tfajla minn hdejn il-vettura taghhom u wiehed minn dawn il-guvintur ta daqqa ta' ponn fuq is-saqaf tal-vettura tal-imputat. Pisani tghid li huma ma qalulu xejn u baqghu sejrin izda tispjega li waqt li kienu telghin minn fejn l-iskola wiehed minn dawn il-guvintur li kien qed isuq vann griz beda jaghti first u second, jghaqqad ir-roti u jieqaf. Hija tghid li nizlet mill-vettura taghhom u marret fuq in-naha tal-passiggier tal-vettura l-ohra fejn il-passiggiera kienet tfajla u qaltilha sabiex jibqghu sejrin sabiex ma jinqalax glied. Pauline Pisani ssostni li hareg guvni mill-vettura li beda jghajjar lill-imputat u l-passigiera telqet tigri minn fuq il-post, inqala'

ftit tal-glied u mbaghad hi u l-imputat telqu minn fuq il-post. Pisani ssostni li l-guvni li nizel mill-vettura l-ohra kellu manku tal-injam f'idejh u tghid li l-imputat hatafulu minn idejh u rmieh mal-art u dan sabiex ma jintlaqatx. Din ix-xhud tghid li l-imputat u l-guvni l-iehor bdew jiggieldu bl-idejn. Hija qalet li l-imputat ma kienx ta xi daqqa f''ghajnejn it-tfajla passiggiera fil-vettura l-ohra u dan ghaliex kienet hi li marret fuq in-naha tal-passiggier u mhux l-imputat.

Alan Seisun li xehed fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2002 qal li huwa kien fil-vettura tal-imputat flimkien ma Pauline Pisani u meta l-imputat nizel mill-vettura sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu fit-triq ghaddew tlieta min-nies u taw daqqa fuq il-vettura tal-imputat u meta dan tal-ahhar sejhilhom huma telqu jigru u bdew joffendu lill-imputat u lil shabu. Seisun ikompli jghid lli meta l-imputat rega' rikeb fil-vettura, saqu u kienu waslu kantuniera boghod sabu vann li beda jsuq u jieqaf kontinwament quddiemhom u l-imputat ghalhekk nizel mill-vettura tieghu u s-sewwieq tal-vann wkoll nizel mill-vann tieghu u fajjar daqqa ta' ponn lill-imputat u hemmhekk inqala' l-glied. Skond dan ix-xhud l-imputat f'dan l-istadju sab injama mal-art u qabadha f'idejh. Seisun jghid li huwa nizel mill-vann u mar sabiex iferraq lill-imputat u lil guvni l-iehor u fetah u ghalaq l-bieba tal-vann tal-guvni u qallu sabiex imur bil-kwiet u l-gharusa tal-imputat ukoll nizlet mill-vettura u marret man-naha tal-passiggiera tal-vann.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar kif sehhew l-affarijiet fis-sens illi Stephen Bezzina u l-passiggiera li kienu fil-vettura tieghu qed jghidu mod u l-imputat u l-passiggiera li kienu fil-vettura tieghu qed jghidu mod iehor. Il-Qorti izda jidrilha li filwaqt li Stephen Bezzina, Annabel Caruana u Keith Sacco kienu konsistenti fir-rakkont tagghom dwar dak li kien gara u ikkoroboraw il-verzjonijiet ta' xulxin l-istess haga ma tistghax tinghad ghall-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u l-passiggiera li kienu fil-vettura tieghu, u cioe' Pauline Pisani u Alan Seisun. Per ezempju filwaqt li l-

imputat fl-isqarrija minnu rilaxxjata jammetti li meta hareg mill-vettura tieghu qabad injama u beda jaghti bl-injama fuq il-vettura ta' Bezzina, Pauline Pisani min-naha l-ohra tghid li l-injama kienet ghand Bezzina u l-imputat hatafielu minn idejh sabiex l-iehor ma jaghtihx biha u Alan Seisun min-naha l-ohra jghid li l-injama kienet mal-art u l-imputat qabadha f'idejh izda ma ghamel xejn biha. Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li mhux il-kunflitt ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzati u fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Stephen Bezzina u l-passiggiera li kienu fil-vettura tieghu u dan stante li m'ghandhiex dubju dwar il-verosomiljanza ta' din il-verzjoni tal-fatti.

Irid jinghad izda lli filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni l-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda it-tielet u r-raba' akkuza u dan peress illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni produciet zewg certifikati medici rigwardanti l-griehi allegatament sofferti minn Stephen Bezzina u minn Annabel Caruana, ma ttellghux it-tobba li rrilaxxjaw l-imsemmija certifikati sabiex jikkonfermaw il-kontenut taghhom u sabiex jindikaw in-natura tal-griehi sofferti mill-imsemmija Bezzina u Caruana u sabiex jindikaw x'setghat kienet il-kawza tal-imsemmija griehi. Fuq nuqqas ta' provi l-Qorti qeghda ghalhekk tillibera lill-imputat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u ghalkemm huwa inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu huwa m'gharafx juzufruwixxi minn tali opportunita' u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara lli rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni migjuba fil-

konfronti tieghu u tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------